

32001R1121

L 153/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

8.6.2001

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Numru 1121/2001****tas-7 ta' Ġunju 2001****li jiffissa l-koeffiċjenti ta' aġġustament li għandhom ikunu applikati għal kull kwantità ta' referenza ta' l-operatur tradizzjonali taħt il-kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni tal-banana**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KEE) Numru 404/93 tat-13 ta' Frar 1993 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-banana <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Numru 216/2001 <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 896/2001 tas-7 ta' Mejju 2001 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Numru 404/93 dwar l-importazzjoni tal-banana fil-Komunità <sup>(3)</sup>, u partikularment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Numru 896/2001, fid-dawl tal-kwantitajiet totali disponibbli taħt il-kwoti tat-tariffi A/B u C u ta' l-informazzjoni li waslet minn għand l-Istati Membri dwar is-somma tal-kwantitajiet ta' referenza stabbilita għall-operaturi tradizzjonali A/B u għall-operaturi tradizzjonali C rispettivament skond l-Artikolu 4(1) u (2) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, meta xieraq, koeffiċjent wieħed ta' aġġustament li għandu jiġi applikat għall-kwantità ta' referenza ta' kull operatur.
- (2) Skond l-informazzjoni mibgħuta mill-Istati Membri taħt l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Numru 896/2001, is-somma tal-kwantitajiet ta' referenza hija 1 964 154 tunnellati metriċi għall-operaturi tradizzjonali A/B u 725 180 tunnellati metriċi għall-operaturi tradizzjonali C. Il-Koeffiċjent ta' l-aġġustament għandu għalhekk ikun iffissat biex ikun applikat għal kwantità ta' referenza ta' kull operatur f'kull waħda miż-żewġ kategoriji ta' l-operatur tradizzjonali.

(3) Ta' min ifakkar li, għat-tieni nofs tal-2001, il-kwantità ta' referenza għal kull operatur tradizzjonali hija suġġetta għall-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Numru 896/2001.

(4) Dan ir-Regolament għandu jibda jseħħ mingħajr telf ta' żmien, minħabba l-I skadenzi stabbiliti fir-Regolament (KE) Numru 896/2001.

(5) Il-miżuri intiżi f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Banana,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

1. Għall-kwoti tat-tariffi A/B u C stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KEE) Numru 404/93, il-koeffiċjent ta' l-aġġustament stabbilit fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Numru 896/2001 għandu jkun:

- għal kull operatur tradizzjonali A/B: 1,07883,
- għal kull operatur tradizzjonali C: 0,97286.

2. Għat-tieni nofs tal-2001 il-kwantità ta' referenza għal kull operatur tradizzjonali stabbilita skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Numru 896/2001 għandha, wara l-applikazzjoni tal-paragrafu 1, tkun aġġustata bil-koeffiċjent stabbilit fl-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Numru 896/2001.

*L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Ġunju 2001.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membri tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 47, tal-25.2.1993, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 31, tat-2.2.2001, p. 2.

<sup>(3)</sup> ĠU L 126, tat-8.5.2001, p. 6.